A.L. 157 ta' l-1993

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-ordni 38 ta' l-Ordnijiet Permanenti li hemm fis-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali u bl-artikolu 72 ta' l-istess Att, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:

TAQSIMA I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Att" tfisser l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali;

"garanzija ta' l-offerta" tfisser il-garanzija li min jagħmel l-offerta jkun meħtieġ jagħmel favur il-Kunsill skond il-Proċeduri ta' Offerti;

"is-somma ta' l-offerta" tfisser is-somma totali offerta minn kuntrattur għal xi kuntratt ta' xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti;

"Kumitat ta' l-Offerti" tfisser il-Kunsill innifsu, jew, jekk ikun maħtur kumitat biex jipproċessa, jivvaluta u jiddeċiedi l-offerti skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att, dak il-kumitat maħtur;

"kuntrattur" tfisser il-persuna li l-offerta tagħha tkun aċċettata mill-Kumitat ta' l-Offerti;

"Proċeduri ta' Offerti" tfisser il-Proċeduri ta' Offerti għal Kunsilli Lokali maħruġa mill-Ministru u li għandhom jitħarsu mill-Kunsilli fil-qadi tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet tagħhom taħt l-Att u skond dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA II

Offerti

Awtorizzazzjoni ta' nfieq li jsir b'offerti.

3. (1) Qabel ma tinħareġ sejħa pubblika għal offerti dwar xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti, is-Segretarju għandu jiżgura:

(a) li x-xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti proposti jkunu jagħmlu parti mill-pjan tax-xogħol tal-Kunsill u jkunu skond dak il-pjan kif stipulat fl-artikolu 59 ta' l-Att;

(b) li jkun hemm provdut għall-infieq propost u li dan ikun skond l-estimi approvati ta' dħul u nfieq tal-Kunsill, u jkun skond l-artikoli 56 u 61 ta' l-Att;

(ċ) li jkun hemm fondi biżżejjed biex l-infieq propost jew mistenni jkun jista' jitħallas;

(d) li l-Kunsill ikun awtorizza l-ispiża.

(2) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra fl-Att jew fir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) sejħa għal offerti għandha tinħareġ meta l-Kunsill ikun jeħtieġ xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti li jkunu meħtieġa biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu.

Infieq li jeċċedi ċertu ammont jeħtieġ sejħa għal offerti.

4. Tkun meħtieġa sejħa għal offerti meta l-infieq propost jew mistenni jkun jeċċedi l-limiti kif imfissra fir-regolament 24, jew jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-regolament 43 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi).

Proċeduri għal offerti.

5. Kull sejħa għal offerti għandha ssir skond il-Proċeduri ta' Offerti.

Min jagħmel offerta jkun meħtieġ jagħti garanzija.

6. Il-Kunsill jista' jeħtieġ li kull min jagħmel offerta jkollu jipprovdi garanzija ta' l-offerta li tingħata flimkien ma' l-offerta.

TAQSIMA III

Għoti ta' Offerti

Ftuħ ta' l-offerti.

7. Is-Segretarju flimkien ma' żewġ Kunsillieri maħtura mill-Kunsill għandhom jiftħu fil-pubbliku l-offerti li jkunu saru wara sejħa għal offerti maħruġa skond l-artikolu 40 ta' l-Att u jagħmlu skeda ta' l-offerti kollha riċevuti.

Eżami ta' offerti u deċiżjoni dwarhom.

8. Il-Kumitat ta' l-Offerti għandu jeżamina l-offerti kollha u jiddeċiedi dwarhom skond l-artikolu 40 ta' l-Att.

Għoti ta' offerta.

9. (1) Il-Kumitat ta' l-Offerti għandu jiddeċiedi fuq l-għoti ta' offerta, u s-Segretarju għandu jippubblika d-deċiżjoni tal-Kumitat skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att.

(2) Is-Segretarju għandu joħroġ ittra ta' aċċettazzjoni lil min jagħmel offerta li tkun ġiet aċċettata.

TAQSIMA IV

Kuntratti

Kuntratturi jagħtu garanzija, eċċ.

10. Fi żmien sebat ijiem mill-ittra ta' l-aċċettazzjoni, jew f'dak iż-żmien itwal li l-Kumitat ta' l-Offerti jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali jiddeċiedi, il-kuntrattur għandu jipprovdi l-garanzija u l-assigurazzjonijiet meħtieġa skond il-Proċeduri ta' Offerti.

Firma tal-kuntratti.

11. Wara dan kuntratt ta' ftehim għandu jkun iffirmat bejn il-Kunsill u l-kuntrattur.